



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2017/0245/HR (Croatia)

Abbozz ta' Regoli li jemenda r-Regoli dwar l-imballaġ u l-iskart mill-imballaġ

Data tal-wasla : 12/06/2017

Tmiem tal-Waqfien : 13/09/2017 (closed)

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2017) 01472

Direttiva (UE) 2015/1535

Traduzzjoni tal-messaġġ 001

Notifika: 2017/0245/HR

No abre el plazo - Nezahajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéket - Ma' jiftaħ il-perijodi ta' dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - He ce предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 201701472.MT)

1. MSG 002 IND 2017 0245 HR MT 12-06-2017 HR NOTIF

2. HR

3A. Ministarstvo gospodarstva, poduzetništva i obrta

Uprava za trgovinu i unutarnje tržište

Ulica grada Vukovara 78, 10000 Zagreb

Telefon: +385 1 6106 304, 6109 762

Telefax: +385 1 6109 150

e-mail: tris@mingo.hr

3B. Ministarstvo zaštite okoliša i energetike

Uprava za procjenu utjecaja na okoliš i održivo gospodarenje otpadom

Radnička cesta 80, 10000 Zagreb

Telefon: 01/3717-111

Telefax: 01/3717-149

e-mail: okolis.otpad@mzoip.hr

4. 2017/0245/HR - S10E

5. Abbozz ta' Regoli li jemenda r-Regoli dwar l-imballaġ u l-iskart mill-imballaġ

6. L-imballaġ u l-iskart mill-imballaġ

7. - id-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġ u l-iskart mill-imballaġ

- id-Direttiva (UE) 2015/720 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li temenda d-Direttiva 94/62/KE rigward it-tnaqqis tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 115, 6.5.2015)



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Jannar 1997 li tistabbilixxi s-sistema ta' identifikazzjoni għall-materjali għall-ippakkjar skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE fuq l-ippakkjar u l-iskart tal-ippakkjar (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 50, 20.2.1997)

8. Dan l-abbozz ta' regoli jiddefinixxi miżuri biex jitnaqqas il-konsum ta' basktijiet tal-plastik. Mill-31 ta' Diċembru 2018, id-dispożizzjoni mingħajr ħlas ta' basktijiet tal-plastik ħfief f'punti tal-bejgħ ta' oġġetti jew prodotti għandha tiġi pprojbita. F'postijiet fejn basktijiet tal-plastik vera ħfief huma pprovduti mingħajr ħlas, il-bejjiegħ għandu jwaħħal notifika viżibbli għall-konsumaturi rigward l-evitar u l-użu razzjonali ta' dawn il-basktijiet bis-sinjal li ġej: "VREĆICA ČUVA HRANU, A VI OKOLIŠ" [IL-BASKET JIPPROTEĠI L-IKEL, U INT TIPPROTEĠI L-AMBJENT].

Dan l-abbozz ta' regoli barra minn hekk iġib f'konformità l-immarkar tal-imballaġġ ta' prodotti mqiegħda fis-suq tar-Repubblika tal-Kroazja mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/129/KE tat-28 ta' Jannar 1997 li tistabbilixxi s-sistema ta' identifikazzjoni għall-materjali għall-ippakkjar skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE fuq l-ippakkjar u l-iskart tal-ippakkjar (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 50, 20.2.1997), u barra minn hekk jirregola l-immarkar tal-imballaġġ tax-xorb li jaqa' taħt l-iskema tat-tariffi rimborsabbli. Jiddefinixxu wkoll id-dispożizzjonijiet rigward il-kontenut ta' metall tqil fl-imballaġġ u d-dispożizzjonijiet relatati mas-sottomissjoni tad-dejta meħtieġa għall-Fond tal-Ħarsien Ambjentali u l-Efficienza Enerġetika għal meta jitpoġġa prodott ġdid imballat fis-suq tar-Repubblika tal-Kroazja għall-ewwel darba.

9. Ir-Regoli li jemendaw ir-Regoli dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ ġew abbozzati minħabba l-obbligu tar-Repubblika tal-Kroazja li tittrasponi f'liġi nazzjonali d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2015/720 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li temenda d-Direttiva 94/62/KE rigward it-tnaqqis tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief, u minħabba l-armonizzazzjoni meħtieġa tas-sistema nazzjonali eżistenti tat-tikkettjar tal-imballaġġ tal-prodott mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/129/KE għall-finijiet ta' implimentazzjoni tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ.

It-tikkettjar tal-imballaġġ preskritt jikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġetti tal-immaniġġjar tal-iskart għax jiffaċilita s-separazzjoni tal-imballaġġ riċiklabbli kif ukoll l-identifikazzjoni ta' imballaġġ u imballaġġ tax-xorb ritornabbli (li jista' jerġa' jintuża) li jaqa' taħt l-iskema tat-tariffi rimborsabbli, li tintitola lis-sid għal tariffa jekk iwassal l-imballaġġ lill-bejjiegħ jew f'sit ta' riċiklaġġ.

10. Referenza/i għat-test(i) bażiku/bażiċi: Regoli dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (Narodne Novine [NN; il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja] Nri 88/15 u 78/16)

L-emendi għal din in-notifika jidhru bil-grasset.

11. Le

12. -

13. Le

14. Le

15. -

16. Aspett OTK

Le – l-abbozz m'għandux impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Aspett SPS



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

Le - l-abbozz m'għandux impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Le - l-abbozz mhuwiex miżura sanitarja jew fitosanitarja.

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta' kuntatt (UE) 2015/1535

Fax: +32 229 98043

email: grow-dir83-189-central@ec.europa.eu